MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tas-7 ta' April, 2009

Rikors Numru. 235/2009

**BAY STREET HOLDINGS LIMITED (C-120858)**

vs

Walter **ŻAMMIT CACHIA** u Nadia Joan Żammit

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fl-10 ta' Marzu, 2009, għall-finijiet tal-artikolu 281 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, Josephine Żammit talbet li din il-Qorti "tħassar l-effetti tal-mandat ta' Qbid numru 1882/07LM limitatament għall-eżekuzzjoni tiegħu fuq l-oġġetti mobili elenkati fir-riferta tal-Marixxal" u dan billi l-imsemmija oġġetti maqbudin huma ħwejjiġha u mhux tad-debituri eżekutati;

Rat id-degriet tagħha tat-13 ta' Marzu, 2009, li bih ordnat in-notifika lill-parti eżekutanti u qiegħdet ir-Rikors għas-smigħ tal-24 ta' Marzu, 2009;

Rat it-Tweġiba mressqa fl-20 ta' Marzu, 2009, mill-kumpannija intimata eżekutanti li biha laqgħet għat-talba billi, fl-ewwel lok, qalet li r-rikorrenti ma setgħetx tinqeda b'din il-proċedura billi hija ma kinitx il-persuna li kontra tagħha nħareġ il-Mandat, u l-proċedura l-ġdida li daħlet fis-seħħ dan l-aħħar ma tistax tużaha lanqas għaliex il-Mandat kien inħareġ qabel ma daħal fis-seħħ il-bdil fil-liġi proċedurali. Preliminarjament, laqgħet ukoll billi qalet li l-proċedura taħt l-artikolu 281 m'hijiex maħsuba għal talba bħal dik li għamlet ir-rikorrenti, ladarba hija talbet biss it-tħassir tal-eżekuzzjoni tal-Mandat imma mhux it-tħassir tal-Mandat innifsu. Fil-mertu, laqgħet billi qalet li l-pretensjonijiet tar-rikorrenti li l-oġġetti maqbuda huma ħwejjiġha m'hix ta' min jemminha;

Rat id-degriet tagħha tal-24 ta' Marzu, 2009, li bih ħatret lill-Avukat Claudio Żammit bħala Assistent Ġudizzjarju tagħha biex jieħu x-xhieda fil-kontro-eżami tar-rikorrenti, li tinsab rikoverata fi djar tax-xjuħ[1];

Rat il-provi u d-dokumenti kollha mressqa mill-partijiet;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tar-Rikors;

Rat id-degriet tagħha tal-1 ta' April, 2009, li bih ħalliet il-kawża għal-lum għall-provvediment;

***Ikkunsidrat:***

[1] Paġ. 23 tal-atti

Illi din hija azzjoni mressqa taħt l-artikolu 281[2] tal-Kap 12 biex twaqqaf l-eżekuzzjoni ta' Mandat ta' Qbid Eżekuttiv maħruġ fl-14 ta' Diċembru, 2007. Ir-rikorrenti tgħid li l-ħwejjeġ li nqabdu fis-26 ta' Frar, 2009, bis-saħħa tal-istess Mandat huma ħwejjiġha u mhux tal-persuni li kontrihom inħareġ il-Mandat. Għalhekk, tgħid li kellha tiftaħ din il-proċedura taħt l-artikolu 281 tal-Kodiċi tal-Proċedura biex dak li nqabad ma jinbiegħx;

Illi għal din l-azzjoni il-kumpannija intimata eżekutanti laqgħet billi qalet li r-rikorrenti ma setgħetx tressaq rikors taħt l-imsemmi artikolu kemm għaliex hija ma kinitx il-persuna li kontra tagħha nħareġ il-Mandat u, f'kull każ, ladarba hija trid twaqqaf biss l-eżekuzzjoni tal-Mandat, u mhux qiegħda titlob it-tħassir tiegħu, il-proċedura li hija għażlet ma tgħoddx. Fil-mertu, laqgħet billi qalet li dak li tallega r-rikorrenti m'huwiex minnu;

Illi għal dak li jirrigwarda l-<u>fatti marbutin mal-każ</u> jirriżulta li l-kumpannija intimata (aktar 'il quddiem imsejħa "Baystreet") ħarġet Mandat ta' Qbid eżekuttiv fl-14 ta' Diċembru, 2007. Hija kellha titolu eżekuttiv kontra Walter Żammit Cachia u Nadia Joan Żammit. Ir-rikorrenti, Josephine Żammit, hija omm l-imsemmi Walter Żammit Cachia. Meta nħareġ il-Mandat, intalbet eżekuzzjoni fuq vettura partikolari u kif ukoll fil-fond bl-isem "*Il-Qronfla l-Ħamra*", Triq Santa Katerina, Ħal Għargħur. Fis-26 ta' Frar, 2009, l-Uffiċjal Eżekuttiv, qabad għadd ta' ħwejjeġ ta' għamara jew tiżjin mill-imsemmi fond[3]. Dak il-ħin, l-eżekutata Nadia Joan Żammit iddikjarat li kulma nqabad mill-Marixxall kien ġid ta' omm żewġha, jiġifieri tar-rikorrenti Josephine Żammit;

Illi d-dar fejn saret l-eżekuzzjoni tal-Mandat tinkera mill-eżekutati Żammit mingħand terzi[4]. Illum il-ġurnata, r-rikorrenti toqgħod f'dar għax-xjuħ. Ilha tgħix hemm minn wara li romlot f'Diċembru tal-2007. Ir-rikorrenti tgħid li l-affarijiet li nqabdu fil-Mandat kienu jinsabu fl-appartament tagħha fi Triq it-Torri, Sliema, sakemm hija ħarġet minn

[2] Sal-31 ta' Diċembru, 2008, kien għadu magħruf bħala l-art. 283A (Ara A.L. 342/08)
[3] Dok "A", f'paġ. 4 tal-atti
[4] Dok "JZ2", f'paġġ. 6 – 8 tal-atti

dak il-post biex tmur fid-dar tal-mistrieħ li fiha tgħix bħalissa[5]. Dan ir-rikors tressaq fl-10 ta' Marzu, 2009;

Illi l-Qorti sejra, qabel kull ħaġa oħra, tistħarreġ l-aspetti ta' dritt li jirrigwardaw is-siwi tar-rikors imressaq. Dan jingħad għaliex jekk kemm-il darba l-Qorti ssib li xi waħda miż-żewġ eċċezzjonijiet proċedurali ta' Baystreet hija mistħoqqa, ma jkunx hemm għalfejn li tistħarreġ ukoll il-mertu tar-rikors;

Illi bl-**ewwel eċċezzjoni** tagħha, l-kumpannija intimata qiegħda tgħid li r-rikorrenti ma tistax tmexxi 'l quddiem l-azzjoni tagħha. Din l-eċċezzjoni tfisser li r-rikorrenti m'għandhiex leġittimazzjoni attiva (*locus standi judicio*) biex tressaq it-talba li għażlet li tagħmel. L-intimata tgħid dan għaliex l-azzjoni taħt l-artikolu 281 **f'dan il-każ u f'każijiet oħrajn bħalu** setgħet issir biss minn min ikun inħareġ kontrih il-Mandat eżekuttiv li jkun irid iħassar, għal kollox jew f'biċċa minnu;

Illi jekk wieħed jara kif inhu mfassal illum il-ġurnata l-artikolu 281 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, isib li l-azzjoni għat-tħassir ta' Mandat eżekuttiv tingħata lil kull persuna kontra min jinħareġ att eżekuttiv "jew xi persuna oħra interessata". Minn qari waħdu ta' dak il-kliem, wieħed kien jiċħad mill-ewwel l-eċċezzjoni taħt eżami, għaliex sewwasew minħabba dik il-bidla fil-liġi[6], persuni bħar-rikorrenti ingħatalhom jedd li jressqu azzjoni taħt l-imsemmi artikolu. Iżda l-liġi nnifisha li bidlet dak l-artikolu għamlet regola partikolari, kif sewwa tirrileva l-kumpannija intimata. Kemm hu hekk, l-artikolu 107 tal-Att XIV tal-2006[7] jipprovdi li "*Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att jgħoddu għal proċeduri l-ġodda li jiġu ppreżentati jew jinbdew wara l-bidu fis-seħħ tal-imsemmija dispożizzjonijiet. Mandati kawtelatorji u eżekuttivi mibdija u li għadhom pendenti jibqgħu validi u tapplika dwarhom il-liġi kif kienet qabel*";

---

[5] Affidavit tagħha (Dok "JZ3"), f'paġ. 9 tal-atti
[6] Li seħħet bis-saħħa tal-art. 12 tal-Att XIV tal-2006 (imma li daħlet fis-seħħ biss fl-1 ta' Jannar, 2009)
[7] Li daħal fis-seħħ fl-24 ta' Ottubru, 2006 (A.L. 254/06)

Illi minħabba dan il-kliem espress tal-liġi, il-Mandat eżekuttiv li għalih jirreferi r-rikors preżenti jrid jitqies li jrid jibqa' regolat bil-liġi kif kienet fiż-żmien li nħareġ. Il-Mandat li għalih jirreferi r-rikors tal-lum hu wieħed eżekuttiv u nħareġ f'Diċembru tal-2007. Huwa minnu li dak iż-żmien kien diġa' għadda mill-Parlament l-Att XIV tal-2006, imma d-dispożizzjonijiet ta' dak l-Att fir-rigward tal-Mandati eżekuttivi (magħduda magħhom il-bidliet li saru fl-artikolu 281) daħlu fis-seħħ biss fl-1 ta' Jannar, 2009. Fil-fehma tal-Qorti, dan ifisser li, dwar Mandati eżekuttivi maħruġin qabel l-1 ta' Jannar, 2009, għandhom jgħoddu d-dispożizzjonijiet tal-liġi proċedurali li kienu jgħoddu qabel dak inhar;

Illi dan iwassal biex l-eċċezzjoni mqanqla mill-kumpannija intimata titqies mistħoqqa, billi r-rikorrenti ma tistax tinqeda bid-dispożizzjonijiet tal-artikolu 281 ladarba l-Mandat li għalih ir-rikors tagħha jirreferi kien tressaq fi żmien meta l-artikolu 283A kien jgħodd biss għal min ikun inħareġ kontrih il-Mandat;

Illi l-Qorti tista' tieqaf hawnhekk, iżda jidhrilha li jkun xieraq li tirreferi wkoll għat-**tieni eċċezzjoni** tal-kumpannija intimata. B'din l-eċċezzjoni l-intimata qiegħda tgħid li r-rikorrenti ma setgħetx tinqeda bl-artikolu 281 (ukoll kieku l-Mandat inħareġ fiż-żmien li għalih jgħodd dak l-artikolu kif issa mibdul) ladarba hija qiegħda titlob biss li tinżamm l-eżekuzzjoni tal-Mandat maħruġ mill-kumpannija intimata safejn dak il-Mandat qabad ħwejjeġ ir-rikorrenti;

Illihuwa aċċettat li l-fatt li l-ħwejjeġ maqbuda fl-eżekuzzjoni ta' Mandat ma jagħmlux mill-ġid tad-debitur eżekutat ma għandu jkollu l-ebda effett fuq is-siwi tal-Mandat innifsu, iżda jekk stess iħalli effett fuq l-eżekuzzjoni[8]. Min għandu d-dritt u l-interess li jattakka dik l-eżekuzzjoni, m'għandux il-jedd li jattakka s-siwi tal-Mandat li bis-saħħa tiegħu saret tali eżekuzzjoni, sakemm ma toħroġx xi waħda mir-raġunijiet li trid il-liġi[9]. Min-naħa l-oħra, t-talba għas-

[8] P.A. AJM **14.11.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Josephine Spiteri vs Anthony Perry et*** (degriet interlokutorju)(mhux publikat)
[9] P.A. GCD **28.5.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Gianfranco Tolio vs Danuta Komarzynic***

sospensjoni tal-eżekuzzjoni ta' Mandat ma ssirx taħt l-artikolu 281[10];

Illi l-prattika stabilita, mbagħad, hi li min irid jattakka l-eżekuzzjoni ta' Mandat, irid jagħmel dan billi jmexxi bil-proċedura normali maħsuba fil-liġi. Illum il-ġurnata, din il-proċedura hija azzjoni li tinbeda b'Rikors Maħluf[11]. Hawn ukoll, ir-rikors imressaq f'din il-kawża, mhux biss m'huwiex wieħed maħluf, imma jonqos f'partijiet essenzjali tiegħu mill-forma stabilita fl-artikolu 156 tal-Kodiċi tal-Proċedura;

Illi għalhekk ukoll, ir-rikors imressaq mir-rikorrenti Josephine Żammit ma jiswiex għall-finijiet tal-artikolu 789(1)(ċ) tal-imsemmi Kodiċi. It-tieni eċċezzjoni proċedurali tirriżulta wkoll mistħoqqa;

Illi fid-dawl tal-konklużjonijiet milħuqa s'issa, ma jagħmel l-ebda sens li l-Qorti tgħaddi biex tqis ukoll l-ilment tar-rikorrenti fil-mertu. Dan l-eżerċizzju, jekk għandu jsir, ikun xieraq li jitwettaq meta r-rikorrenti tagħżel li tressaq l-att ġudizzjarju meħtieġ;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tilqa' l-ewwel u t-tieni eċċezzjonijiet** tal-kumpannija intimata eżekutanti, u teħles lill-istess kumpannija intimata milli tibqa' iżjed fil-kawża, **bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti**.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

[10] App. Ċiv. **5.2.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Persiano et vs Persiano*** (Kolez. Vol: **LXXXVI.ii.257**)
[11] Ara P.A. AJM **5.3.2001** fil-kawża ***Terranet Limited vs Linknet Limited et***

---------------------------------TMIEM---------------------------------